31995R1484

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1484/95
tat-28 ta Ġunju 1995
li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u jiffissa dazji addizzjonali ta l-importazzjoni fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd, u jħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it- Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-bajd [1], kif l-aħħar emendat permezz ta' l-Att ta' l-Adezjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3290/94 [2] u partikolarment l-Artikoli 5(4) u 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam ta' tjur [3], kif l-aħħar emendat permezz ta' l-Att ta' l-Adezjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u permezz tar-Regolament (KE) Nru 3290/94 u partikolarment l-Artikoli 5(4) u 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar is-sistema komuni ta' kummerċ għall-ovalbumina u lactalbumina [4], kif l-aħħar emendat permezz ta' l-Att ta' l-Adezjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u permezz tar-Regolament (KE) Nru 3290/94 u partikolarment l-Artikoli 3(4) u 10 tiegħu,

Billi r-Regolamenti (KEE) Nru 2771/75, (KEE) Nru 2777/75, (KEE) Nru 2783/75 jipprovdu li mill-1 ta' Lulju 1995 l-importazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-prodotti li jaqgħu taħt dawn ir-Regolamenti bir-rata ta' dazju tat-Tariffa Komuni Doganali għandhom ikuni soġġetti għall-ħlas ta' dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni jekk ċerti kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż fil-qafas tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj tan-negozjati dwar il-kummerċjali multilaterali jkunu ġew imwettqa, sakemm l-importazzjoni ma tkunx tista' tfixkel is-suq tal-Komunità, jew meta l-effetti jkunu sproporzjonati ma l-objettiv intiż; billi dawn id-dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni jistgħu jiġu mposti partikolarment jekk il-prezzijiet ta' l-importazzjoni jaqgħu taħt il-prezzijiet li joħolqu effett,

Billi, għalhekk, regoli speċifiċi ta' l-implimentazzjoni għandhom ikunu stabbiliti għas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għal-albumina tal-bajd u li l-prezzijiet li joħolqu effett għandhom ikunu ppubblikati;

Billi l-prezzijiet ta' l-importazzjoni li għandhom ikunu meqjusa biex ikunu mposti dazji addizzjonali ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ivverifikati mal-prezzijiet rappreżentattivi fis-suq dinji jew fis-suq ta' l-importazzjoni fil-Komunità għall-prodotti f'dak il-każ; billi huwa meħtieġ li l-Istati Membri jikkomunikaw il-prezzijiet fl-istadji varji tal-kummerċ f'intevalli regolari sabiex ikunu jistgħu jiddeterminaw il-prezz rappreżentattiv u d-dazji addizzjonali korrispondenti;

Billi l-importatur jista jgħażel li d-dazju addizzjonali ikun ikkalkolat fuq bażi differenti mill-prezz rappreżentattiv; billi, b'dankollu, f'dak il-każ għandu jkun hemm dispożizzjoni għall-preżentazzjoni ta' garanzija ugwali għall-ammont ta' dazju addizzjonali li kien jitħallas li kieku d-dazju addizzjonali kien ġie ddeterminat fuq il-bażi tal-prezz rappreżentattiv; billi l-garanzija tingħata lura jekk, f'terminu ta' żmien, tingħata prova li l-kondizzjonijiet għad-disponiment tal-konsenja ġew sodisfatti; billi, bħala parti mill-iċċekkjar a posteriori, id-dazju addizzjonali dovut ikun irkurprabbli skond l-Artikolu 220 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [5] li jistabbilixxi l-kodiċi doganali tal-Komunità; billi huwa xieraq li, fil-qafas ta' dan it-tip ta' verifikar, għandhom jiżdiedu l-imgħaxijiet mad-dazju dovut;

Billi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 163/67/EEC tas-26 ta' Ġunju 1967 dwar l-iffissar ta' l-ammont addizzjonali għall-importazzjoni ta' prodotti tat-trobbija tat-tjur minn pajjiżi terzi [6], kif l-aħħar emendat permezz ta'r-Regolament (KEE) Nru 3821/92 [7] huma mibdula bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament; billi r-Regolament imsemmi qabel għandu, għalhekk, ikun mibdul sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj;

Billi jirriżulta mill-monitoraġġ regolari ta' l-informazzjoni pprovduta fuq il-bażi tal-verifika tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll ta' l-albumina tal-bajd li dazji addizzjonali għandhom jiġuimposti fuq

[1] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49.
[2] ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105.
[3] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.
[4] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 104.
[5] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[6] ĠU C 129, tat-28.6.1967, p. 2577/67.
[7] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 24.

l-importazzjoni ta' ċerti prodotti, billi jittieħed akkont tal-varjazzjoni tal-prezzijiet skond l-oriġini; billi, għalhekk, il-prezz rappreżentattiv u d-dazji addizzjonali korrispondenti għandhom ikunu ppubblikati għal dawk il-prodotti;

Billi d-dazji addizzjonali ma jistgħux jiġu imposti partikolarment fuq prodotti importati fi ħdan kwoti ta' tariffi miftiehma skond il-qafas tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj tan-negozjati multilaterali dwar il-kummerċ;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tat-Tjur u l-Bajd ma tax opinjoni fiż-żmien stabbilit mill-president,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Id-dazji addizzjonali ta' l-importazzjoni li hmm referenza dwarhom fl-Artikolu 5(1) tar-Regolamenti (KEE) Nru 2771/75 u (KEE) Nru 2777/75 u fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru (KEE) Nru 2783/75, minn issa' l quddiem imsejjħin "id-dazji addizzjonali", japplikaw għall-prodotti elenkati fl-Anness I u li joriġinaw mil-pajjiżi indikati.

Il-prezzijiet li joħolqu effett korrispondenti li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 5(2) tar-Regolamenti (KEE) Nru 2771/75 u (KEE) 2777/75 u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2783/75 huma murija fl-Anness II.

L-Artikolu 2

1. Il-prezz rappreżentattiv li hemm referenza dwaru fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 5(3) tar-Regolamenti (KEE) Nru 2771/75 u (KEE) Nru 2777/75 u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(3) ta' Regolament (KEE) Nru 2783/75, għandhom jiġu ddeterminati f'intervalli regolari billi jittieħed akkont partikolarment ta':

— il-prezzijiet fis-swieq ta' pajjiżi terzi,

— il-prezzijiet offruti ħielsa fuq il-fruntiera tal-Komunità,

— il-prezzijiet fl-istadji varji tal-kummerċ fil-Komunità għal prodotti importati.

Dawn il-prezzijiet huma murija fl-Anness I.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, kull nhar ta' Tnejn, il-prezzijiet li hemm referenza dwarhom fit-tielet inċiż tal-paragrafu 1 għall-konsenji rappreżentattivi ta' prodotti elenkati fl-Anness II.

L-Artikolu 3

1. Fuq talba ta' l-importatur id-dazju addizzjonali għandu jkun stabbilit fuq il-bażi tal-prezz cif ta' l-importazzjoni tal-konsenja f'dak il-każ, jekk dan il-prezz huwa ogħla mill-prezz rappreżentattiv applikabbli, li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 2(1).

L-applikazzjoni tal-prezz cif ta' l-importazzjoni tal-konsenja f'dak il-każ għall-istabbiliment tad-dazju addizzjonali hija soġġetta għall-preżentazzjoni mill-parti nteressata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jimporta ta' mill-anqas dawn il-provi:

— il-kuntratt tax-xiri, jew kwalunkwe dokument ekwivalenti,

— il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni,

— il-fattura,

— iċ-ċertifikat ta' l-oriġini (meta applikabbli),

— il-kuntratt tat-trasport,

— u, fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-polza tal-merkanzija.

2. Fil-każ li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1, l-importatur għandu jippreżenta l-garanzija li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 248(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 [1], ugwali għall-ammont ta' dazju addizzjonali li kien ikollu jħallas li kieku l-kalkolu tad-dazju addizzjonali sar fuq il-bażi tal-prezz rappreżentattiv applikabbli għall-prodotti f'dak il-każ.

L-importatur għandu jkollu xahar mill-ġurnata tal-bejgħ tal-prodotti f'dak il-każ, soġġett għal-limitu ta' erba' xhur mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa, sabiex tingieb prova li l-konsenja iddisponuta taħt il-kondizzjonijiet li jikkonfermaw il-korrettezza tal-prezzijiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1. Fin-nuqqas li jintlaħaq wieħed jew ieħor minn dawn il-limiti ta' żmien ifisser it-telf tal-garanzija mgħotija. B'dankollu, il-limitu ta' erba xhur żmien jista jkun estiż mill-awtoritajiet kompetenti b'massimu ta' tlett xhur fuq talba ta' l-importatur, li għandha tkun issostanzjata.

Il-garanzija ppreżentata għandha tiġi rilaxxata sakemm tingħata prova għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet tad-dwana tal-kondizzjonijiet għad-disponiment.

Inkella, il-garanzija għandha tintilef bħala ħlas tad-dazji addizzjonali.

Jekk mal-verifika l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li l-ħtiġiet ta' dan l-Artikolu ma jkunux ġew sodisfatti, għandhom jirkupraw id-dazju dovut skond l-Artikolu 220 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92. L-ammont tad-dazju li għandu jiġi rkuprat jew li jkun fadal biex jiġi rkuprat għandu jinkludi l-imgħaxijiet mid-data li fiha l-oġġetti jkunu ġew rilaxxati fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa sad-data tal-irkupru. Ir-rata ta' l-imgħax applikata għandha tkun dik fis-seħħ għal-operazzjonijiet ta' rkupru taħt liġi nazzjonali.

3. Fl-assenza tat-talba li hemm referenza dwara fil-paragrafu 1, il-prezz ta' l-importazzjoni tal-konsenja f'dak il-każ għandha tkun ikkunsidrata għall-imposizzjoni ta' dazju addizzjonali li għandu jkun il-prezz rappreżentattiv li hmm referenza dwaru fl-Artikolu 2(1).

[1] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.

L-Artikolu 4

1. Jekk id-differenza bejn il-prezz li joħloq l-effett f'dak il-każ li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 1(2) u l-prezz ta' l-importazzjoni li għandu jittieħed b'konsiderazzjoni għal-imposizzjoni tad-dazju addizjonali bi qbil mal-Artikolu 3(1) ta' (3):

(a) hija anqas jew daqs 10 % tal-prezz li joħloq effett, ma għandu jkun impost l-ebda dazju addizzjonali;

(b) hija ogħla minn 10 % iżda anqas jew daqs 40 % tal-prezz li joħloq effett, id-dazju addizzjonali għandu jkun daqs 30 % ta' l-ammont li bih id-differenza teċċedi 10 %;

(ċ) hija ogħla minn 40 % iżda anqas jew daqs 60 % tal-prezz li joħloq effett, id-dazju addizzjonali għandu jkun daqs 50 % ta' l-ammont li bih id-differenza teċċedi 40 %, flimkien mad-dazju addizzjonali konċess taħt (b);

(d) hija ogħla minn 60 % iżda anqas jew daqs 75 %, id-dazju addizzjonali għandu jkun daqs 70 % ta' l-ammont li bih id-differenza teċċedi 60 % tal-prezz li joħloq effett, flimkien mad-dazji addizzjonali konċessi taħt (b) u (ċ);

(e) hija ogħla minn 75 % tal-prezz li joħloq effett, id-dazju addizzjonali għandu jkun daqs 90 % ta' l-ammont li bih id-differenza teċċedi 75 %, flimkien mad-dazji addizzjonali konċessi taħt (b), (ċ) u (d).

2. Id-dazji addizzjonali korrispondenti għall-prezz rappreżentattiv stabbilit skond l-Artikolu 2(1) huma murija fl-Anness I.

L-Artikolu 5

Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizzjattiva tagħha stess, taġġusta l-Anness I.

B'dankollu, il-Kummissjoni tista taġġusta l-prezzijiet rappreżentattivi jekk dawn il-prezzijiet huma mill-inqas 5 % differenti mill-prezzijiet iddeterminati.

L-Artikolu 6

Id-dazji addizzjonali stabbiliti fl-Anness I m'għandhomx japplikaw għall-importazzjoni fil-qafas tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1431/94 [1] u (KE) Nru 1474/95 [2].

L-Artikolu 7

Ir-Regolament (KEE) Nru 163/67/KEE huwa mħassar.

L-Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1995.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 156, tat-23.6.1994, p. 9.
[2] ĠU L 145, tad-29.6.1995, p. 19.

L-ANNESS I

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Prezz rapreżentattiv ECU/100 kg	Dazju addizzjonali ECU/100 kg	Oriġini (1)
0207 41 10	Qatgħat mingħajr għadam tat-tjur ta' l-ispeċi *gallus domesticus*	185	38	01
		220	24	02
		240	18	03
0408 11 80	Isfar tal-bajd imqadded	225	25	04

(1) Oriġini ta' l-importazzjoni:
01 Iċ-Ċina
02 Il-Brażil
03 It-Tajlandja
04 Il-Kanada, l-Istati Uniti ta' l-Amerika

L-ANNESS II

Kodiċi NM	Prezz li johloq l-effett ECU/100 kg
0105 11 11	8 588,0
0105 11 19	8 588,0
0105 11 91	8 588,0
0105 11 99	8 588,0
0105 19 10	3 242,3
0105 19 90	14 525,0
0105 91 00	55,8
0105 99 10	115,1
0105 99 20	185,9
0105 99 30	147,8
0105 99 50	133,3
0207 10 11	142,3
0207 10 15	100,2
0207 10 19	128,5
0207 10 31	170,0
0207 10 39	250,0
0207 10 51	158,8
0207 10 55	185,1
0207 10 59	173,5
0207 10 71	207,1
0207 10 79	257,3
0207 10 90	173,2
0207 21 10	98,8
0207 21 90	131,2
0207 22 10	177,7
0207 22 90	179,8
0207 23 11	170,1
0207 23 19	167,9
0207 23 51	200,0
0207 23 59	248,2
0207 23 90	204,5
0207 39 11	339,8
0207 39 13	100,0
0207 39 15	180,0
0207 39 21	227,1
0207 39 23	158,1
0207 39 25	310,7
0207 39 27	100,0
0207 39 31	339,0
0207 39 33	342,3
0207 39 41	279,9
0207 39 43	142,9
0207 39 45	177,8
0207 39 47	200,0
0207 39 51	216,7
0207 39 53	435,3
0207 39 55	423,2
0207 39 61	133,3
0207 39 65	100,0
0207 39 67	78,3
0207 39 71	463,4
0207 39 73	331,9
0207 39 75	309,7
0207 39 77	164,2
0207 41 10	333,5
0207 41 11	251,1
0207 41 21	97,5
0207 41 31	80,0
0207 41 41	235,7
0207 41 51	158,9
0207 41 71	316,6
0207 41 90	143,4
0207 42 10	329,9
0207 42 11	337,8
0207 42 31	80,8
0207 42 41	280,0
0207 42 51	111,1
0207 42 59	172,7
0207 42 71	233,3
0207 42 90	131,3
0207 43 11	465,3
0207 43 15	354,5
0207 43 21	100,0
0207 43 23	133,3
0207 43 31	107,8
0207 43 41	81,1
0207 43 51	432,4
0207 43 53	308,3
0207 43 61	309,7
0207 43 63	166,0
0207 43 71	234,5
0207 43 81	500,0
0207 43 90	163,2
0209 00 90	135,8
1602 39 11	318,6
0407 00 11	935,9
0407 00 19	743,6
0407 00 30	52,7
0408 11 80	343,3
0408 19 81	69,9
0408 19 89	111,9
0408 91 80	271,4
0408 99 80	59,7
3502 10 91	521,5
3502 10 99	51,7